KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.1.2007
KUMM(2006) 869 finali

2006/0308 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 954/79 dwar ir-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' l-Imġiba għal- Konferenzi ta' Linji (Konferenzi Marittimi)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi u l-għanijiet tal-proposta**

Il-proposta hija mmirata li tirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79 tal-15 ta' Mejju 1979 dwar ir-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' l-Imġiba għal Konferenzi ta' Linji (Konferenzi Marittimi). Il-proposta attwali saret meħtieġa minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006 tal-25 ta' Settembru 2006 li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1/2003 fir-rigward ta' l-ambitu tiegħu sabiex jinkludi l-kabotaġġ u servizzi ta' trasport b'bastimenti tat-tagħbija mhux regolari.

- **Kuntest Ġenerali**

Ir-Regolament (KEE) Nru 954/79 jittratta r-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' l-Imġiba għall-Konferenzi ta' Linji (Konferenzi Marittimi)

Il-Konvenzjoni dwar Kodiċi ta' Mġiba għall-Konferenzi Marittimi (Ġinevra, is-6 ta' April 1974) ġiet abbozzata taħt il-patroċinju tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) bil-għan li jiġi stabbilit qafas internazzjonali armonizzat għat-tħaddim ta' konferenzi marittimi. L-għan tal-Konvenzjoni UNCTAD kien li tippromwovi bilanċ ġust fl-aċċess għall-merkanzija fit-tbaħħir bil-bastimenti bejn operaturi minn pajjiżi żviluppati u dawk li għadhom qed jiżviluppaw. Għal dak il-għan, il-Kodiċi jistabbilixxi l-hekk imsejħa "regola 40/40/20", skond liema, il-konsenji bejn żewġ Stati Partijiet għandhom jinqasmu hekk: 40% għal sidien tal-bastimenti stabbiliti fil-pajjiż ta' l-oriġni, 40% għal sidien tal-bastimenti stabbiliti fil-pajjiż tad-destinazzjoni u 20% għal sidien tal-bastimenti minn pajjiżi oħra (li huma wkoll partijiet għall-Kodiċi). Il-Konvenzjoni tipprovdi wkoll għar-regoli u l-proċeduri mmirati lejn l-evitar ta' l-abbużi minn konferenzi u lejn il-promozzjoni ta' djalogu bejn it-trasportaturi u l-kumpaniji tal-ġarr. Minkejja li l-għan ewlieni tal-Kodiċi kien li jitħares l-interess tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, pajjiżi bħal dawn kienu ddiżappuntati bil-mod li bih il-Konvenzjoni ġiet implimentata minn żmien id-dħul tagħha fis-seħħ fis-6 ta' Ottubru 1983.

Tlettax-il Stat Membru tal-Komunità huma partijiet fil-Kodiċi. Skond l-Artikolu 48 tal-Kodiċi, l-Istati huma intitolati jsiru partijiet kontraenti permezz ta' l-adeżjoni jew il-firma, u jekk meħtieġ segwit mir-ratifika, l-aċċettazzjoni, jew l-approvazzjoni skond il-liġi nazzjonali tagħhom. Abbażi ta' dan, il-Belġju u l-Ġermanja rratifikaw il-Konvenzjoni; id-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit ssieħbu miegħu; ir-Repubblika Ċeka, Franza u s-Slovakkja approvawh. In-Norveġja wkoll issieħbet mal-Kodiċi.

Peress li l-Kodiċi ta' Mġiba jipprovdi għall-allokazzjoni tat-tagħbija abbażi ta' l-ishma nazzjonali, il-liġi Komunitarja kellha tistabbilixxi arranġamenti mmirati lejn il-modifika ta' dan il-mekkaniżmu sabiex isir kompatibbli mal-prinċipji tat-Trattat. Għalhekk, ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79, li jesiġi li l-Istati Membri jdaħħlu riserva huma u jirratifikaw (japprovaw jew jissieħbu ma') l-Konvenzjoni, skond liema kellhom jiftħu l-ishma

nazzjonali tagħhom mogħtija skond il-Kodiċi, lis-sidien kollha tal-bastimenti stabbiliti fil-Komunità. Ir-Regolament fih ukoll dispożizzjonijiet dettaljati marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, iżda ma jimponix ir-ratifika tagħha fuq l-Istati Membri.

Fil-25 ta' Settembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1419/2006 li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 4056/86). Ir-Regolament (KEE) Nru 4056/86 ipprovda għal eżenzjoni ġenerali tal-konferenzi marittimi mill-projbizzjoni fit-Trattat tal-KE ta' prattiki kummerċjali restrittivi (Artikolu 81). Qabel id-dħul fis-seħħ ta' din ir-revoka, peress li r-regoli tal-kompetizzjoni qatt ma kienu applikaw kompletament għas-settur tal-linji tat-tbaħħir, il-Kummissjoni se toħroġ linji ta' ġwida xierqa dwar il-kompetizzjoni fis-settur marittimu sabiex jgħinu fit-tranżizzjoni fluwida lejn reġim li jkun kompletament kompetittiv. Il-linji ta' gwida, li għandhom jiġu ppromulgati sa tmiem l-2007, jindirizzaw kwistjonijiet bħal *data warehouse* indipendenti, il-ħolqien ta' assoċjazzjoni kummerċjali u ta' fora kummerċjali kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' indiċi tal-prezzijiet. L-għan ta' dawn il-linji ta' gwida huwa li jiġi spjegat, inter alia, kif japplikaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni għas-settur tal-linji tat-tbaħħir in ġenerali, inklużi l-iskambju regolari u f'waqtu u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kapaċità u l-utilizzazzjoni. Bħala pass intermedju fit-tħejjija tal-linji ta' gwida, is-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw "studju dwar il-kwistjonijiet relatati" fir-rigward tal-linji tat-tbaħħir f'Settembru 2006.

Skond l-Artikolu 1(2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006, l-Artikolu 1(3) (b) u (c), l-Artikoli 3 sa 7, l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-konferenzi dwar it-tbaħħir tal-linji marittimi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 tat-18 ta' Ottubru 2006, id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006 – għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn.

Għaldaqstant, fit-18 ta' Ottubru 2008 – jiġifieri wara li jkun skada l-perjodu ta' tranżizzjoni - , l-Artikolu 81(1) tat-Trattat se japplika għat-tbaħħir tal-linji marittimi u l-konferenzi marittimi se jsiru illegali fil-konfront tal-kummerċ lejn/minn portijiet tal-Komunità. L-Istati Membri li huma parti għall-Kodiċi mhux se jkunu jibqgħu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tiegħu, partikolarment dak li jiżguraw li l-linji nazzjonali tat-tbaħħir ikollhom id-dritt li jkunu membri sħaħ ta' konferenzi li jservu l-kummerċ barrani tagħhom (Artikolu 1(1) tal-Kodiċi). Dawk l-Istati Membri se jkollhom jirtiraw mill-Konvenzjoni. M'għandniex xi ngħidu, l-Istati Membri li mhumiex partijiet għall-Kodiċi mhux se jibqgħu jkunu jistgħu jirratifikawh jew jissieħbu miegħu.

B'konsegwenza ta' dan, ir-Regolament (KEE) Nru 954/79 se jsir inapplikabbli u għandu jiġi rrevokat fil-ħin tar-revoka ta' l-eżenzjoni mill-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat fir-rigward tal-konferenzi marittimi.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79 tal-15 ta' Mejju 1979 dwar ir-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-, Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' l-Imġiba għal Konferenzi ta' Linji. (Linji Marittimi)

- **Konsistenza ma' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mal-politika dwar il-kompetizzjoni, peress li timmira għall-allinjament ta' l-*acquis* fis-settur marittimu mar-riforma proposta fil-qasam tal-linji tat-

tbaħħir. Hija wkoll konsistenti mal-politika attwali ta' simplifikazzjoni, peress li l-għan tagħha huwa li jitneħħa mill-korpus ta' regoli Komunitarji strument legali li se jsir inapplikabbli.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-proposta attwali hija anċillari għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006 li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 4056/86 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1/2003 fir-rigward ta' l-ambitu tiegħu sabiex jinkludi l-kabotaġġ u servizzi ta' trasport b'bastimenti tat-tagħbija mhux regolari.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **L-evalwazzjoni ta' l-impatt**

Peress li l-proposta tirrigwarda r-revoka ta' regolament eżistenti, iż-żewġ għażliet possibbli huma: 1) l-ebda azzjoni leġiżlattiva; 2) azzjoni leġiżlattiva.

L-ewwel għażla timplika li, minkejja r-revoka tar-Regolament Nru 4056/86, ir-Regolament Nru 954/79 jibqa' fis-seħħ, minkejja li ma jkunx applikabbli. Din is-soluzzjoni tidher li mhix konformi mal-konsistenza tal-liġi Komunitarja u s-simplifikazzjoni tagħha.

Ir-revoka tar-regolament, għall-kuntrarju, tikkontribwixxi għall-allinjament ta' l-*acquis* marittimu mar-riforma tal-linji tat-tbaħħir li se jinkiseb dalwaqt.

Kif diġà ntqal, il-ħtieġa li l-Istati Membri jirtiraw mil-Kodiċi ta' mġiba ta' l-UNCTAD mhix konsegwenza tar-revoka tar-Regolament 954/70, iżda fil-fatt revoka tar-Regolament 4056/86. Wieħed għandu jinnota, madankollu, li meta l-Istati Membri jirtiraw mill-Kodiċi, dan jibqa' fis-seħħ għall-partijiet l-oħra.

Fuq dan l-isfond, wieħed għandu jiftakar li l-impatt ekonomiku fuq l-industrija Ewropea tat-tbaħħir tat-tneħħija gradwali ta' konferenzi marittimi fil-Komunità (u l-irtirar konsegwenti mill-Istati Membri mill-Kodiċi) ġiet eżaminata mill-istudju ta' evalwazzjoni ta' l-impatt li sar għall-proposta għal regolament li jirrevoka r-Regolament Nru 4056/86. BL-istess mod, il-Kummissjoni diġà evalwat l-impatt tar-revoka tar-Regolament tal-Kunsill 4056/86 fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li ħafna minnhom huma partijiet għall-Kodiċi.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Huwa propost li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79 jiġi rrevokat

- **Il-bażi legali**

L-Artikolu 80 tat-Trattat

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità peress li l-uniku mod sabiex jiġi rrevokat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79 huwa li jiġi adottat regolament tal-Kunsill.

Il-proposta ma timplika l-ebda piż amministrattiv fuq kwalunkwe awtorità, hijiex tal-Komunità, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Il-piż amminsitrattiv għall-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jikkonsisti fl-irtirar mill-Kodiċi ta' Mġiba tan-NU għall-Konferenzi tal-Linji tat-Tbaħħir mhuwiex konsegwenza tal-proposta attwali – peress li r-Regolament Nru 954/79 ma jobbligax lill-Istati Membri jsiru parti għall-Kodiċi – iżda fil-fatt huwa r-riżultat tar-revoka tar-Regolament tal-Kunsill Nru 4056/86.

- **L-għażla ta' strument**

Strumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin: il-proposta hija mmirata lejn ir-revoka ta' regolament tal-Kunsill, u huwa biss regolament tal-Kunsill li jista' jintuża.

4. Implikazzjonijiet fuq il-baġit

Il-proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-Komunità.

5. Aktar tagħrif

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Meta l-proposta tiġi adottata, strument legali li se jsir inapplikabbli se jitneħħa mill-korpus ta' regoli tal-Komunità

- **Ir-revoka ta' leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta għandha twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Din il-proposta tolqot kwistjoni rilevanti għaż-ŻEE, u għalhekk għandha testendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Id-dħul fis-seħħ**

Għal raġunijiet ta' konsistenza legali, ir-revoka tar-Regolament tal-Kunsill Nru 954/79 għandha tidħol fis-seħħ fil-mument tar-revoka ta' l-eżenzjoni mill-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat fir-rigward tal-konferenzi marittimi, jiġifieri fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn previst mill-artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1419/2006 li jirrevoka r-Regolament Nru 4056/86.

2006/0308 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 954/79 dwar ir-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' l-Imġiba għal- Konferenzi ta' Linji (Konferenzi Marittimi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment Artikolu 80 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw il-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw il-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[4]

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79 tal-15 ta' Mejju 1979 dwar ir-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' l-Imġiba għal-*Liner Conferences* [Konferenzi ta' Linji][5] jipprovdi għal rekwiżiti li għandhom jissodisfaw l-Istati Membri meta jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' Mġiba għal Konferenzi ta' Linji, jew meta jissieħbu magħha.

(2) Il-Konvenzjoni dwar Kodiċi ta' Mġiba għal Konferenzi ta' Linji (Konferenzi Marittimi) jistabbilixxi qafas regolatorju internazzjonali għall-konferenzi marittimi, b'mod speċifiku permezz ta' regoli dwar l-aċċess għal ishma tat-tagħbija minn sidien tal-bastimenti li huma stabbiliti fit-territorji ta' l-Istati Partijiet fil-Konvenzjoni u li jaqdu l-kummerċ barrani reċiproku tagħhom.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006 tal-25 ta' Settembru 2006[6] irrevoka l-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi

---

1 ĠU C […], […], p. […].
2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU L 121, 17.5.1979, p. 1
6 ĠU L 269, 28.9.2006, p. 1

regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu[7] li fost l-oħrajn, ipprovda għal eżenzjoni mill-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat fir-rigward tal-konferenzi marittimi.

(4) Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni pprovdut mir-Regolament (KE) Nru 1419/2006, il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat se tapplika għal servizzi skedati tat-trasport marittimu u b'konsegwenza, il-konferenzi marittimi mhux se jibqgħu permessi joperaw f'kummerċ lejn/minn portijiet ta' l-Istati Membri.

(5) L-Istati Membri għalhekk mhux se jitħallew jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond il-Kodiċi. F'dak il-waqt, l-Istati Membri mhux se jibqgħu f'pożizzjoni li jirratifikaw, japprovaw jew jissieħbu mal-Kodiċi. Ir-Regolament (KEE) Nru 954/79 għalhekk se jsir inapplikabbli u għandu jiġi rrevokat fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni pprovdut fl-Artikou 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1419/2006, jiġifieri, fit-18 ta' Ottubru 2008.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 954/79 huwa rrevokat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,[...]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*

[7] ĠU L 378, 31.12.1986,p. 4